KUNSILL LOKALI BORMLA IS-SITT KUNSILL

MINUTI SEDUTA NRU. 08

**IL-ĦAMIS 3 TA' DIĊEMBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa, u **l-Kunsilliera** James Cauchi, Pablo Cachia Belli, Rodrick Mamo, Raymond Balzan, u John Vella.

**Il-Viċi Sindku** Alison Zerafa, u l-Kunsillier John Vella daħlu għas-seduta fis-6.45pm

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**08/01** **Is-Sindku Joseph Scerri** nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien għarraf lill-Kunsill li wara li 'l-proċess ta' ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv kellu jiġi mwaqqaf minħabba li ma kienx konformi mal-proċedura skont il-liġi, issa l-Kunsill irid jimla 'l-vakanza' skont il-kriterji li hemm fil-liġi wara li din ġiet emendata u daħlet fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Novembru 2009, u għalhekk bħalissa huwa wieqaf. Dan ifisser li s-Segretarju Eżekuttiv issa jrid jintgħażel minn pool ta' Segretarji li jiġi pprovdut lill-Kunsill mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**08/02 MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 07**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-kummenti tal-Kunsilliera u għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 07, li nżammet nhar il-Ħamis 05 ta' Novembru 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-ħames (5) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 07**.

**08/03 SKEDA TA' PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DOK 'A1-2' NOVEMBRU 2009**

**08/03/01** **Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti magħmula

għax-xahar ta' Novembru, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti magħmula għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-ħames (5) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti magħmula għax-xahar ta' Novembru.

**08/03/02** **Is-Sindku Joseph Scerri** għadda jressaq il-listi ta' pagamenti li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-ħames (5) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti li għad iridu jsiru.

**08/04** **QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT – LULJU – SETTEMBRU 2009**

**DOK 'B'**

**Il-Sindku Joseph Scerri** ressaq id-dokument *Quarterly Financial Performance Report July – September*, dokument li kien iċċirkulat u ttieħed bħala moqri.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova id-dokument *Quarterly Financial Performance Report July – September*, sabiex wara li jkun approvat jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kif titlob il-Liġi.'

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** ressaq ir-rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur, minn Lulju sa Settembru 2009 fejn kienet ippreżentata l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill li spiċċat f'pożizzjoni pożittiva, wara ħidma sabiex il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tiġi msaħħa. Kien spejgat ukoll li dan il-bilanċ kien wieħed pożittiv u jindika l-għaqal li bih qed jitmexxew il-finanzi tal-Kunsill Lokali, fejn sar diġa ħafna xogħol, sabiex b'hekk il-Kunsill jista' mis-sena d-dieħla jkompli jattwa l-pjanijiet ta' ħidma b'suċċess.

Saret votazzjoni b'dan ir-riżultat; **Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsillier preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur.**

**08/05** **ATTIVITA' TA' BORMLA MILIED 2009**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill programm u stima dettaljata ta' l-Attivitjiet' li qed jitħejjew għal Bormla Milied. Saret diskussjoni

dwar l-istimi ta' l-ispejjeż fil-lista ppreżentata u kien hemm qbil unaninimu li l-attivita' ssir b'massimu ta' 9,000 euro spejjeż. L-attivita' li din is-sena ser issir fi Triq l-Oratorju, Triq San Gorg, Triq Santa Margerita u Suq Bonnici sejra tinkludi:

- Marċ f'dawn it-toroq mill-Banda San Ġorġ
- Kant tal-Milied mill-Kor Tota Pulchra u l-Kor tat-tfal ta' Romina Vella fuq iz-zuntier tal-Kappella ta' Santa Margerita
- Presepju Ħaj wara l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali
- Dramm ta' Ġuże' Chetcuti 'Il-Kerrejja' f'Suq Bonnici mill-Grupp Faces
- Kwartett tal-Klarinett ta' Ronald Bugeja fi Triq l-Oratorju
- Presepju fil-Kannierja ta' l-Oratorju
- Wirja ta' bambini fl-Oratorju tal-Knisja
- Wirja ta' platti tal-melħ fis-Sala tal-Kunsill Lokali
- Presepju ħaj f'Bir Mula Heritage mill-Fondazzjoni Bormliżi għall-Persuni b'Diżabilita u Lejla letterarja
- Tqassim ta' rigali minn Father Xmas fi Triq l-Oratorju
- Animazzjoni mill-Leisure Animation u Father Christmas
- Adorazzjoni fil-Kappella tal-Konservatorju, flimkien mal-kant tal-Kor Santa Tereża.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat din il-proposta u l-Kunsill unanimament approva din l-attivita' tal-Milied bi spiża massima sa 9000 euro.

**08/06 MOZZJONI TIĠDID TAL-KUNTRATT KLB 02/2007 – KOSTRUZZJONI U RI-KOSTRUZZJONI TA' BANKINI MA' SILVAR CONSTRUCTION**

**Is-Sindku Joseph Scerri ressaq mozzjoni** dwar Tiġdid tal-Kuntratt KLB 02/2007 tal-Kostruzzjoni u Rikostruzzjoni ta' Bankini li l-Kunsill għandu ma' Silvar Construction.

'Billi l-Kuntratt tal-Kostruzzjoni u Rikostruzzjoni ta' Bankini li l-Kunsill għandu ma' Silvar Construction għalaq fil-31 ta' Awissu, 2009; U billi l-kundizzjonijiet skond dan il-kuntratt jaħsbu wkoll sabiex dan il-kuntratt ikun jista' jiġi mġedded sa massimu ta' perjodu kontinwu ta' 36 xahar; U billi dan il-Kuntrattur għamel xogħol sodisfaċenti għall-Kunsill,

Nipproponi li l-Kunsill japprova li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal tnax-il xahar ieħor, sal-31 ta' Awissu, 2010, bl-istess kundizzjonijiet u rati skond il-Kuntratt Nru KLB 02/2007.'

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda**.**

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament approva** t-tiġdid tal-Kuntratt tal-Kostruzzjoni u Rikostruzzjoni ta' Bankini li l-Kunsill għandu ma' Silvar Construction.

**08/07** ***FIXED ASSETS***

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** fisser li b'referenza għar-reġistru ta' l-assi tal-Kunsill jeħtieġ li l-Kunsill jaddotta policy dwar dawn il-*Fixed Assets* fejn oġġetti b'valur ta' anqas minn mitt euro ma jkunux ikkapitalizzati. Il-Kunsill unanimament qabel dwar din il-proposta mressqa.

**08/08** **QUOTATION 03/2009 MULTI FUNCTION MACHINE** **DOK 'D'**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ż-żewġ kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva dwar is-sejħa li dehret fil-Gazzetta 'The Independent ta' nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru, 2009, dwar Multi Function Machine li l-Kunsill jeħtieġ li jixtri għall-uffiċċju.

L-Offerti mressqa kienu moqrija u analizzati, skont is-sejħa tal-Kunsill. Għal din is-sejħa kkwotaw żewġ kumpaniji;

| Quot. No. | Company | Model | Copier | Scanner | Printer | Total Cost |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Strand Electronics Ltd. | KYOCERA TA221 | Yes B&W 22ppm A4 Only | Optional Eur 306.8 | Yes B&W 22ppm A4 Only | € 2360 |
| 2 | Strand Electronics Ltd. | KYOCERA KM-2560 | YES B&W 25ppm A4 Only | Yes 6000dpi | YES B7w 25ppm A4 Only | € 3510.5 |
| 3 | Strand Electronics Ltd. | KYOCERA KM3060 | YES B&W 30PPM A4/A3 | Yes 600dpi | YES B&W 30PPM A4 Only | € 3864.5 |
| 4 | Strand Electronics Ltd | KYOCERA KM-C3232E | YES 32ppm B&W & Color A4/A3 (600x600 dpi) | YES 32ppm 600dpi | YES 32ppm B&W & Color A4/A3(600x600 dpi) | €4920.6 |
| 5 | Image Systems Ltd. | Workcentre 7425 | YES B&W 25PPM / Col 20 ppm A4/A3 (600X600 dpi) | Yes 50B&W/ 45Col 600dpi Compresses &zips | YES B&W 25PPM / Col 20 ppm A4/A3(1200X2400dpi) | € 3776 + 4 front loading trays f.o.c. + install. to network |

Kien maqbul li l-offerta numru 4 ta' Strand Electronics Ltd. u l-offerta ta' Image Systems Ltd kienu l-uniċi li jikkonformaw mat-talba tal-Kunsill fis-sejħa, fejn il-prezz kien ivarja minn Euro 4,920.60 għal Euro 3,776 rispettivament.

**Is-Sindku** ppropona li l-Kunsill japprova x-xiri tal-MultiFunction Machine skont l-Offerta ta' Messrs. Image Systems Ltd għas-somma ta' Euro3,776.

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament** approva x-xiri ta' dan l-equipment.

**08/09** **PETIZZJONI GĦAL SPUSTJAR TA' *SLEEPING POLICEMAN* FI TRIQ WIĠI ROSATO** **DOK 'E'**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-petizzjoni min-numru ta' residenti dwar spustjar ta' *Sleeping Policeman* li tinsab fi Triq Wiġi Rosato. Is-

Sindku ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ li dawn it-talbiet ikunu mistħarrġa sew u regolati mill-bidu nett, u għalhekk wieħed għandu jsegwi l-istruzzjonijiet kif maqbula f'seduta preċedenti. Huwa fisser li ma jistax ikun li l-Kunsill joqgħod iċaqlaq il-lokazzjoni ta' dawn is-*sleeping policeman*.
Is-Sindku nforma li din it-talba kienet imressqa għall-approvazzjoni ta' l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta.

**08/10** **Il-Kunsillier James Cauchi** talab li jkun skużat mil-laqgħa u ħareġ fis-7.20 ta' fil-għaxija.

**08/11** **Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** nfurmat li l-għażla tar-rebbieħ tal-kompetizzjoni dwar il-proġetti mħejjija mit-tfal kienet ntemmet u l-ġurija ppropniet li ħames parteċipanti oħra jkunu ppremjati għax-xogħol li għamlu. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn għandhom jingħataw kiteb, b'madwar għoxrin euro, kull wieħed.

**08/12** **Is-Sindku** nforma li matul ix-xahar ta' Diċembru residenta fid-dar ta' l-anzjani tagħlaq mitt sena. Għalhekk kien maqbul unanimament li l-Kunsill jagħtiha bukkett fjuri u rigal żgħir għall-okkażjoni hekk importanti.

Is-Seduta ntemmet fis-7.30 ta' fil-għaxija. Il-Kunsill rriżolva ruhu fil-Kumitat ta' l-għażla dwar it-tender ta' Ġbir ta' Skart mħallat.
Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |